**29 ta' Lulju, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**
Joseph Screrri
*versus*
Anthony Montanaro
**Libell — Diffamazzjoni.**

*L-attribuzzjoni, magħmula f'ġurnal, fis-sens illi persuna teżerċita attività politika f'organizzazzjoni partitarja meta dik il-persuna, bħala mpjegata tal-Gvern, ma tistgħax teżerċita dik l-attività, u jekk teżerċitaha tkun qegħdha tiddiżubbidixxi l-ordnijiet preċiżi lilha mogħtija f'kamp hekk delikat u kontrovers, hija libelluża.*

*Id-diffamazzjoni tikkostitwixxi reat formali, li għall-konsumazzjoni tiegħu, bħala reat ta' perikolu, hu biżżejjed li l-offiża jkollha l-forza li twassal għad-diskreditu tal-milqut.*

*In kwantu għall-element intenzjonali, dan hu insitu fl-istess divulgazzjoni tal-addebitu.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba fuq kwerela ta' Joseph Scerri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta kontra Anthony Montanaro, bħala editur tal-ġurnal "Il-Berqa", talli l-Belt Valletta u bnadijiet oħra, per mezz ta' artikolu taħt l-isem "Block Voting tas-Soċjalisti", stampat fl-ewwel faċċata tal-ħarġa taż-17 ta' Mejju 1961, huwa ngurja lill-kwerelanti billi qal li hu membru tal-Kumitat Distrettwali Laburista tal-Ħamrun, fil-waqt li huwa, bħala mpjegat tal-Gvern, ma jistgħax ikun, u fil-fatt ma kienx;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Ġunju 1961, li biha l-kwerelat ġie misjub ħati taħt l-art. 2, 3, 15 u 26

tal-Kap. 117 tal-Liġijiet, u ġie kundannat għall-multa ta £10 u għall-ispejjeż tal-kawża; bl-ordni li jippublika sunt komprensiv tas-sentenza f'ħarġa tal-imsemmija gazzetta mhux iżjed tard mit-tieni waħda minn dak inhar tas-sentenza;

Rat ir-rikors tal-kwerelat, li bih appella mill-imsemmija sentenza u talab li jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-artikolu ndikat fiċ-ċitazzjoni, intitolat "Block Voting tas-Soċjalisti", jirrigwarda l-organizzazzjoni ta' "block vote" għall-elezzjoni tat-Taqsima tal-Gvern tal-"General Workers Union". Fil-paragrafu ta' qabel l-aħħar jingħad hekk:— "Għall-post ta' Joint Secretary ser ikun hemm ġlieda bejn is-Sur J. Borg Bonello u s-Sur J. Scerri, li huwa membru tal-Kumitat Distrettwali Laburista tal-Hamrun";

Il-kwerelant ħassu offiż, kif qal fil-kwerela, bil-fatt biss illi fiż-żmien tal-artikolu huwa ma kienx membru tal-Kumitat Distrettwali Laburista tal-Ħamrun, u lanqas seta' jkun bħala mpjegat tal-Gvern;

Mhux kontestat illi l-kwerelant kien u hu l-editur tal-gazzetta riferita, u illi l-kwerelant hu l-persuna msemmija fl-artikolu, u illi dik il-ħabta dan ma kienx membru tal-Kumitat Distrettwali tal-Ħamrun, li hu korp li jinvolġi attivitajiet partitarji politiċi, u illi l-kwerelant kien u għadu "clerk-typist" mal-Gvern;

Skond ċirkulari tad-19 ta' Ottubru 1960, maħruġa mis-Segretarjat tal-Gvern fil-kapijiet tad-dipartimenti (dok. fol. 10). li tibda biex tgħid illi "It is of the greatest importance that public confidence in the impartiality of the Civil Service be not impaired in any way", huwa projbit lill-impjegati tal-Gvern bħall-kwerelant, minn "holding office in party political organisations infringing on the political field";

L-addebitu speċifiku magħmul lill-kwerelant huwa l-bellus, in kwantu għandu l-potenzjalità li jiskredita lill-kwerelant billi jattribwilu kondotta u attività politika f'organizzazzjoni partitarja li huwa, bħala impjegat tal-Gvern, ma jistgħax jeżerċita, u li jekk jeżerċita jkun qiegħed jiddiżubbidixxi l-ordnijiet preċiżi lilu mogħtija f'kamp hekk delikat u kontrovers — ordnijiet dawn, intiżi, kif intqal, biex il-fiduċja publika fl-imparzjalità tal-impjegati tal-Gvern ma tiġix preġudikata;

Dan l-addebitu ma jistgħax ma jirriflettix a diskreditu u preġudizzju tal-kwerelant fl-opinjoni tal-ġeneralità tal-publiku u tal-ġeneralità tal-qarrejja tal-gazzetta riferita. Xejn ma jiswa illi fl-artikolu riferit ma jingħadx espressament illi l-kwerelant huwa impjegat tal-Gvern; għax hu magħruf, u l-kontendenti jaqblu fuqu illi l-"Joint Section" tal-Gvern tal-"General Workers Union" hi magħmula minn impjegati tal-Gvern;

Billi d-diffamazzjoni tikkostitwixxi biss "reat formali", għall-konsumazzjoni tar-reat, bħala reat ta' perikolu, hu biżżejjed illi l-offiża jkollha l-forza li twassal għad-diskreditu tal-milqut;

In kwantu għall-element intenzjonali, dan huwa insitu fl-istess divulgazzjoni tal-addebitu; u f'dan il-każ, mingħajr ma ġie b'xi mod newtralizzat;

In kwantu għall-piena, irriżulta illi, kif il-kwerelat irċieva ċ-ċitazzjoni, huwa ppublika fil-"Berqa" stess rettifika fejn qal, b'riferenza għall-artikolu ta' qabel, illi "Dak inhar konna għidna li s-Sur Joseph Scerri, li kkontesta u rebaħ l-elezzjoni għal "Joint Secretary", huwa membru tal-Kumitat Distrettwali Laburista tal-Ħamrun; ridna ngħidu li kien membru ta' dak il-Kumitat." Fil-fatt (dok. fol. 8), il-kwerelant kien darba president ta dak il-Kumitat;

Għalkemm din id-disdetta ma tħassarx l-imputabbilità, din il-Qorti fin-nuqqas ta' riżultanzi li juru xi motiv ulterjuri da parti tal-kwerelat fil-libell, sejra tagħtiha l-piż li tħoss li għandha jkollha;

Għal dawn il-motivi;

Tikkonferma s-sentenza appellata fejn il-kwerelat ġie misjub ħati kif intqal u kundannat għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża kif determinati mill-Ewwel Qorti, u tirriforma l-istess sentenza billi tirriduċi l-piena hemm inflitta għal dik ta' multa ta' erbgħa liri (£4). Bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-kwerelat; u tordni lill-kwerelat li f'ħarġa susseg-wenti tal-gazzetta "Il-Berqa", mhux iżjed tard mit-tieni waħda mil-lum, huwa jippublika sunt komprensiv ta' din is-sentenza, fit-termini tal-art. 23 tal-Kap. 117 tal-Liġijiet;

Onorarju tad-difensuri f'din l-istanza 15s. għal kull seduta.